**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

# Seduta numru 49 tas-Sitt Leġislatura
# Illum it-Tnejn 8 ta' Ottubru 2012

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Diskuzzjoni dwar il-Privatizzazjoni tal-Parkeġġi
5. Day Care Centre għall-anzjani
6. Devuluzzjoni f'Tal-Għasfura u l-proġett ta' afforestazzjoni
7. Affarijiet Mixxellanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Id-Deputat Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsilliera Maria Said u l-Kunsillier Giovann Gatt, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

**1 Minuti**
*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**2 Korrispondenza**

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara t-talba li kienet saret ma' l-ETC, il-Kunsill kien irċieva 3 ħaddiema biex jaħdmu taħt l-iskema 'Community Work Scheme'. Tnejn minnhom qed jintegraw irwieħhom – wieħed f' posiżżjoni klerikali u l-ieħor manwali. It-tielet wieħed m' aċċettax ix-xogħol u l-ETC ġew infurmati mmedjatament. Ser jinstab persuna mill-ETC biex tieħu postu.

**4. Diskuzzjoni dwar il-Privatizzazjoni tal-Parkeġġi**

4.1 Il-Kunsill iddiskuta l-aħħar aħbarijiet u żvilluppi li kien hemm dwar il-kwistjoni tal-privatizzazjoni tal-parkeġġi. Il-Kunsill sostna li huwa kontra l-privatizazzjoni, imma ser ikun qed jistenna aktar informazzjoni u żvilluppi dwar dan l-argument. Il-Kunsill esprima wkoll id-disappunt tiegħu għall-fatt kif din il-kwistjoni ma ġitx ikkunsultata mal-Kunsilli Lokali.

4.2 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill kellu jagħmel evalwazzjoni tal-bżonnijiet u t-talbiet tiegħu dwar din il-kwistjoni biex ikun ppreparat għal meta issir konsultazzjoni dwar iż-żewġ parkeġġi fil-konfini : dawk tal-Bajja tal-Ġnejna u tal-Għajn Tuffieħa.

**5. Day Care Centre għall-anzjani**

5.1 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv infurmaw li kienu preżenti f' 'on-site' inspection li saret fil-bini fejn ser isir id-Day-Care Centre għall-Anzjani, fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv. Ilaqtgħu ukoll ma' minn ser ikun imqabbad mill-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Kommunita' biex jieħu ħsieb il-post. Ser ikunu qed issiru diversi xogħlijiet fuq il-post, fosthom installazzjoni ta' kċina mill-Ministeru, aperturi tal-aluminium għall-kċina u l-uffiċċju mill-Kunsill, kif ukoll ser tinġieb għamara u appliances biex jintrama' l-post.

**6. Devoluzzjoni f' tal-Għasfura u l-proġett tal-afforestazzjoni**

6.1 Wara l-aħħar żvilluppi dwar dan is-suġġett, l-avukat tal-Kunsill ħejja skrittura biex tiġi ffirmata mill-Kunsill u l-bidwi biex tkun tista' titmexxa' 'l quddiem it-talba tad-devoluzzjoni.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

6.2 Eman Vella informa li kellu laqgħa mas-Sur Lino Mintoff, Segretarju Privat fil-Ministeru tal-Kompetizzjoni, Negozji Żgħar u Konsumatur dwar dan il-każ.

6.3 Hemm il-ħsieb li fit-talba tad-Devluzzjoni, jitniżżel ukoll it-taraġ storiku li hemm biswit il-fortifikazzjoni.

**7. Affarijiet Mixxellanji**

7.1 Giovann Gatt informa li l-Banda ma kinitx ser titlob ħlas ta' €75.00 tas-servizzi tagħha f' Jum l-Imġarr bħala rikonoxximent tal-użu tal-bini tal-uffiċċju amministrattiv għas-servizz tat-tagħlim tal-banda.

7.2 Eman Vella informa li kien sar 'budget-shift' fil-proġett Cypfire. Għaldaqstant hemm il-ħsieb li jinħarġu xi sejħiet għall-offerti b' konnessjoni ma' dan il-proġett. Il-Kunsill qed jistenna l-approvazzjoni mingħand il-partners l-oħra tal-proġett.

7.3 Eman Vella issuġġerrixxa li ssir safra edukattiva għall-grupp ta' niex mill-lokalita' lejn l-Italja bl-iskop li ikunu involuti fit-tixtil tas-siġar. Ġie ssuġġerrit li l-grupp ikun iffurmat minn bejn wieħed u ieħor 10 min-nies, preferibbilment dawk li huma nvoluti fil-mixtla, u li ssir lejn ix-xahar ta' Jannar.

7.4 Maria Said semmiet li kien hemm bżonn ta' manutenzjoni u tindif fiz-zona tal-bandli ta' Triq l-Alwiza.

7.6 Ġew diskussu ukoll żewġ kwotazzjonijiet għas-servizz ta' xogħlijiet tal-aluminum li l-Kunsill ġabar b' urġenza. Dan peress li ħadd ma bagħat offerti fl-aħħar sejħa li nħarġet għall-dan it-tip ta- xogħol u peress li l-Kunsill kien kommess li jagħmel xogħol tal-aluminium b' urġenza. Ix-xogħol inqasam fuq bejn iż-żewġ offerenti, skond l-aktar offerta vantaġġjuża ta' kull wieħed minnhom.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fit-8 :15pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 30 t' Ottubru fil-5.30pm, fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku